MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1329/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**

**vs**

**Caruana Sylvia (ID160264M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2005 fejn intqal illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltija u seba' centezmi (Lm637.07) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21660365 gja 677539 (CN329380 – AC10012901):**

**Illi nterpellata diversi drabi biex tghaddi ghal hlas il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghahekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta msejjha ghas-subizzjoni.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-13 ta' Settembru, 2005 fejn intqal:**

**i. illi s-somma mitluba ta' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltija u seba' centezmi (Lm637.07) rapprezentanti hlasijiet ta' kontijiet tat-telefon bin-numru 21660365 registrat fid-dar matrimonjali tal-konvenuta fl-indirizz San Anton, Triq is-Sur, Fgura, mhix kollha dovuta u dan peress illi kienu saru hlasijiet;**

**ii. Illi parti sostanzjali mill-perjodu kopert bil-kont ipprezentat jirreferi ghal zmien meta l-konvenuta kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali bit-tfal minhabba vjolenza domestika, u anke bdiet proceduri ta' separazzjoni minhabba f'dan, u fil-frattemp it-telefon imsemmi baqa' fid-dar matrimonajli jintuza minn zewgha Joseph Caruana;**

**iii. Illi ghalkemm il-linja tat-telefon fuq imsemmija kienet registrata f'isem il-kovenuta, dan id-debitu jaghmel parti mill-komunita` ta' l-akkwisti u ghalhekk zewgha Joseph Caruana ghandu jigi kjamat fil-kawza ghall-integrita` tal-gudizzju.**

**Ra nota ta' ammissjoni prezentata fil-11 ta' Ottubru, 2005. Ra l-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2005 li fiha l-konvenuta tablet li teffettwa l-pagament f'rati mensili, u li s-socjeta` attrici ma opponietx.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, fuq ammissjoni, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltija u seba' centezmi (Lm637.07), b'dana li t-Tribunal qed jikkoncedi li l-konvenuta teffettwa l-pagament f'rati mensili ta' ghoxrin lira (Lm20.00) fix-xahar, l-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta' Ottubru, 2005, u wara fl-ahhar ta' kull xahar konsekuttiv, b'dana pero` illi l-konvenuta tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu kemm-il darba tkun moruza f'pagament wiehed jew aktar, u f'tali kaz is-socjeta` attrici tkun tista' tesegwixxi fuq il-bilanc intier. Qed jikkundanna lill-konvenuta thallas l-imghax legali mil-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------